MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2003

Numru 439/1993

Il-Pulizija
(Supretendent Lawrence Cutajar)
(Supretendent Raymond Vella Gregory)

VS

Francis Bonnici

Citazzjoni numru 439/1993

Illum 09 ta' Dicembru, 2003

IL-QORTI

Rat l-akkuzi migjuba mill-pulizija kontra l-akkuzat u dan talli fiz-Zejtun, fil-lejl ta' bejn l-14 u l-15 ta' Awissu 1993, bil-vjolenza, ikkommetta stupru fuq Eva Carabott, persuna li ma setghetx tirrezisti minhabba marda tal-gisem jew tal-mohh u dan bi ksur tal-Artikoli 198 u 201 (b) tal-Kapitolu 9

tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll talli fl-istess jum, hin u lok ikkommetta attentat vjolenti ghal pudur ta' Eva Carabott.

Rat in-nota tal-Avukat Generali a fol 122A tal-process li permezz taghha, billi deherlu li tista tinstab htija (jew htijiet) fil-konfront tal-istess imputat a bazi tal-istess kumpilazzjoni taht dak li hemm mahsub fl-artikoli:

1. 198, 201 (b) tal-Kodici Kriminali
2. 207, 522 tal-Kodici Kriminali

Iddecieda li jibghat lill-imputat sabiex jigi ggudikat minn din il-Qorti f'nuqqas ta' oggezzjoni da parti tal-istess imputat.

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma ghandux tali ogezzjoni.

Rat il-verbali tas-seduti minn fol 123 sa fol 129 tal-process.

Ikkunsidrat

Illi preliminarjament ghandu jinghad li kif jidher mill-verbali citati, l-akkuzat inghata opportunita ampja sabiex jippresenta xi provi li seta kellu sabiex iwiegeb ghall-akkuza in ezami li huma ta' certu gravita, trattasi ta' akkuzi bi sfond sesswali fuq persuna mentalment inkapacitata.

Ikkunsidrat

Illi hawnhekk ta' min jirreferi ghar-relazzjoni psikjatrika sottomessa mill-espert 'in materia' it-tabib Peter Muscat (a fol 118 et seq ibid) li ezamnia lill-istess parti lesa u ssottometta li hi affettata minn "Mild Mental subnormality" ossija nuqqas mill-intelligenza izda kapaci tghix hajja kwazi normali bi ftit attenzjoni minn adulti. Jigi sottolinejat li "Il-memorja taghha hija normali u taghti interpretazzjonijiet korretti tal-grajja li tghaddi minnha" (ara fol 121 ibid). Minn dan jidher li l-istess parti lesa hi persuna kompetenti bhala xhud ghall kull effett u fini fil-ligi.

Ikkunsidrat

Illi l-ispettur Lawrence Cutajar (a fol 13 et seq ibid) spjega li fil-15 ta’ Awissu 1993 kien sar rapport lill-pulizija dwar il-kaz in ezami u dan minn Thomas Carabott, li jigi hu l-imsemmija Eva Carabott u li tirresiedi mal-istess huha. Matul il-lejl ta’ qabel, skond dejjem l-istess rapport, Eva Carabott kienet giet, allegatament, molestata sesswalment waqt li kienet rieqda fir-residenza ta’ oht l-akkuzat, Joyce Busuttil, f’liema residenza jabita wkoll l-istess akkuzat. Ta’ dan kollu giet informata omm il-parti lesa, Fidela Carabott. Inoltre saru l-ezamijiet medici relattivi sabiex jistghu jigu accertati l-fatti in rigward l-allegazzjoni li saret waqt l-inkjesta mizmuma mill-Magistrat Inkwirenti.

Ikkunsidrat

Illi l-istess ufficjal investagattiv interroga lill-akkuzat dwar l-istess allegazzjoni u dan irrilaxxa l-istqarrija bil-miktub li tinsab annessa mal-atti a fol 18 tal-process u mmarkata bhala dok LC 2. (Dwar l-istess stqarrija ara ‘infra’). L-istess ufficjal prosekutur spicca billi esebixxa z-zewg dokumenti a fol 20 u fol 21 minn fejn jidher li l-imsemmija Eva Carabott kienet inghatat pensjoni non-kontributorja u li t-tabib Mark Farrugia, ginekologu, kien ezamina lil Eva Carabott fil-15 ta’ Awissu 1993 u kien ra li din kellha ‘fresh trauma to the genital area’ waqt li kampjun ta’ ‘vaginal discharge’ u ‘nail chippings’ kienu gew konsenjati lil WPC 191 Marika Borg (ara wkoll dak li xehed l-ispettur Raymond Vella Gregory a fol 26 et seq ibid).

Ikkunsidrat

Illi l-imsemmi ginekologu (fol 22 et seq ibid) spjega li fil-15 ta’ Awissu 1993 kien ezamina lill-parti lesa li pero in rigward domandi li sarulha ‘ma kienx hemm hafna koerenza da parti ta’ Eva Carabott in konnessjoni mar-risposti da parti taghha’. Hawnhekk ix-xhud specifika li kien qed jirreferi ghas-sekwenza tal-kliem li skond hu ma kienitx normali u ghalhekk kien ikkonkluda li din il-pazjenta

kienet mentalment ritardata. Fil-fehema tal-Qorti hu rilevanti hafna dak li xehed dan it-tabib, fis-sens li Eva Carabott kienet qaltlu "…. li nehhewlha l-ilbies ta' fuq u ix-shorts taghha pero mhux il-qalziet ta' taht waqt li allegat, permezz ta' gesti u ftit kliem, li kien sar att sesswali fil-konfront taghha. Ix-xhud kompla jghid li esternament, fuq gisem Eva Carabott, ma kienx hemm sinjali ta' vjolenza. Izda mill-ezami vaginali nstabet lacerazzjoni zghira, ricenti, ossija gdida, ( "... bejn sitta u tmien sighat qabel l-ezami) u sitwata fuq in-naha ta' wara tal-introitus tal-vagina waqt li l-hymen instab minghajr sinjal ta' trauma. Dwar dan, ix-xhud, pero, ma eskludiex li seta kien hemm, xorta wahda, penetrazzjoni li setghet tirrizulta minn ezamijiet forensici tal-kampjuni elevati. Dwar l-istess lacerazzjoni, din, fil-fehema tieghu, setghet giet kawzata kemm minn penetrazzjoni kif ukoll tentattiv ta' penetrazzjoni tal-'vagina'.

Ikkunsidrat

Illi ghalhekk ikun opportun li jinghad, mal-ewwel, li mill-ezami forensici esegwiti mill-espert forensiku Christopher Farrugia li kkostata illi 'ma kienx hemm presenza ta' 'semen' jew 'spermatozoa jew demm ..." fuq id-dokumenti elenkati fl-anness Dok CFY (fol 96 ibid, u ara wkoll fol 97 u fol 98).

Illi kif jidher mill-atti kien gie nominat, mill-istess Qorti, espert psikjatriku Dr Peter Muscat sabiex jezamina, minn dan l-att, lill-istess Eva Carabott. Dan issottometta (fol 121 et seq ibid) illi din tbati minn 'Mild Mental subnormality' li tfisser li a) ghandha nuqqas ta' intelligenza izda b) hi kapaci tghix hajja kwazi normali bi ftit attenzjoni minn adulti, taghmel u taqdi, bi ftit supervizzjoni, il-bzonnijiet taghha u c) ghandha memorja normali u tinterpreta, b'mod korret, il-grajja li tghaddi minnha.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-fatti in ezami, il-prosekuzzjoni pproduciet is-segwenti xhieda:

a) Fidela Carabott (fol 29 et seq ibid) omm l-istess ‘parti lesa’ li spjegat li hi kienet armla izda “.. .. qed nohrog ma’ hu l-istess imputat Spiridione Bonnici”. Wara li spjegat x’kien l-istat mentali ta’ bintha, u l-kura u t-terapija li din kienet qed taghmel, hi kompliet tghid li matul il-lejl in kwistjoni, bintha Eva, kellha toqghod fid-dar ta’ oht l-akkuzat, haga li gieli ghamlet. Hawnhekk fl-istess kamra fejn raqdet bintha u ma’ gemb din, kien hemm reqdin iz-zija (“Karmni”) li hi naqra truxa kif ukoll “Michelle” tifla ta’ hames snin. L-ghada fil-ghodu hi kienet sabet lil bintha tibki u din qaltilha li l-akkuzat kien nezzaghlha kollox u b’gesti b’idha kienet spjegatilha dak li kien gara (“ghamilli hekk u ghamilli hekk”) (ara wkoll l-anness process verbal a fol 40 tal-atti b’mod specjali fol 55 u 56 ).

b) Thomas Carabott (fol 38 u 39 ibid) hu l-parti lesa. Dan irrakonta kif l-istess ohtu kienet irrakontatlu bi kliem u mhux mossi dak li gara fid-dar ta’ oht l-istess akkuzat (ara wkoll l-istess ‘process verbal’ a fol 54 ibid). In oltre kien hu li ghamel ir-rapport fl-ghassa tal-pulizija tad-distrett in konnessjoni ma’ dan il-kaz (ara wkoll ix-xhieda ta’ PS 368 Stephen Monreal a fol 40 ibid).

c) WPC 191 Marika Borg (fol 42 ibid) gia imsemmija kienet assistit lil parti lesa meta din giet ezaminata fl-isptar San Luqa, kif diga gie spjegat mit-tabib Mark Formosa.

d) L-imsemmi ‘process verbal’ li diga saret referenza ghalih u ghall-provi kontenenti go fih.

e) Joyce Busuttil (fol 67 ibid) ghazlet li tixhed avolja tigi oht l-akkuzat. Din spjegat li matul il-lejl in kwistjoni kienu jinsabu fid-dar taghha hi, it-tifel taghha, zijitha Carmela Baldacchino, zewgha Paul, Eva Carabott u l-akkuzat. Matul l-istess lejl Eva Carabott kienet raqdet fl-istess kamra flimkien mal-imsemmija zija u ma bintha Michelle waqt li l-akkuzat kien raqad f’kamra fuq il-bejt. In rigward din l-ahhar kamra sabiex teccedi ghaliha, wiehed kellu bilfors jghaddi mill-kamra fejn kienet rieqda Eva Carabott mal-ohrajn imsemmija. In oltre x-xhud kompliet tispjega li fl-istess lejl, hi kienet ghaddiet minn din il-kamra ghal madwar tlieta jew erba’ darbiet, u dan sabiex iggib il-halib lil tifla zghira li tirresjedi maghha, u kienet rat li Eva Carabott kienet dejjem rieqda. Fil-fatt hi setghet tghid li ghaddiet mill-istess kamra fis-1.00 am, fit-3.00 am u fil-5.00 am.

f) Carmela Baldacchino (fol 70 ibid) iz-zija tax-xhud precedenti u tal-akkuzat u li 'ma tantx nisma' ghazlet wkoll li tixhed, spjegat li ".. .. jiena ma rajt u ma naf b'xejn". Fl-istess lejl kienet raqdet flimkien u fl-istess kamra ma' 'Michelle' u Eva Carabott. Anzi kienu raqdu t-tlieta flimkien fuq sodda wahda kbira b'zewg saqqijiet bl-istess Michelle fin-nofs, bejnha u bejn Eva Carabott.
g) Michelle Busuttil (fol 72 ibid) ta' erba' snin bhala eta, semmiet li ma kienitx taf lil Eva Carabott izda kompliet tghid li matul l-istess lejl kienet raqdet flimkien ma' "... iz-zija Carmela u certa wahda Yvonne cioe li jiena nafha bhala Yvonne" In oltre dejjem matul l-istess lejl "ma kien hemm xejn li qajjimni waqt li kont rieqda".
h) Hawnhekk nigu ghax-xhieda ta' Eva Carabott (fol 59 u fol 85 ibid). Fl-ewwel okkazzjoni hi kkonfermat ix-xhieda mhux guramentata li kienet diga tat waqt l-inkjesta Magisterjali fl-assenza tal-akkuzat (ara fol 9 tal-imsemmi process verbal). In rigward din ix-xhieda hi semmiet li kienet rieqda "fil-kamra "ma' Michelle u ma' Karmni". Fil-ghodu, meta kien ghadu dlam, dahal "Cikku" gharwien, u nezzalha dik li kienet liebsa waqt li l-ohrajn kienu reqdin u beda jbusha u minhabba hekk "... .. ma stajtx noq(gh)od bih". Hawnhekk "Cikku kien pastaz(z) mieghi, dah(h)ali fil-parti sigrieta tieghi" u bhala konsegwenza " ... weggajt". Ghalhekk hi bdiet tghajjat, izda l-ohrajn kienu reqdin u ma qamux. Pero hawnhekk, wara li l-Qorti spiccat taqra din ix-xhieda, Eva Carabott xehedet testwalment ".. .. jekk fil-kamra fejn qieghda inhiex nara lil Cikku, jiena nghid li ma inhiex qed nara lil Cikku". Dwar din ix-xhieda, kif jidher a fol 65 u fol 66 tal-atti, il-Qorti verbalizzat li kien hemm diffikulta sabiex l-istess Qorti tikkomunika ma' din ix-xhud. Ghalhekk meta din regghet xehedet, kienet assistita minn Joseph Pace (ara fol 83 ibid). Hawnhekk wara li qalet li jisimha 'Yvonne' u li fl-istess kamra kienu reqdin hi, Michelle u certu 'Tony', dahal 'Cikku' u nezzaghha minn kollox, oltre li " .. beda imissni kullimkien fuq gismi" u "ma ghamilli xejn aktar". In rigward l-ohrajn li kienu fl-istess kamra dawn baqghu reqdin u "... ma ghajjatilhomx". Hi kompliet tghid li "Cikku.. .. weggghani fuq in-naha ta' wara tieghi b'idejh. Weggghani wkoll fil-parti privata tieghi b'idu wkoll, anzi b'idejh". In oltre Cikku kien neza dak li kien liebes fuq in-naha ta' isfel ta' gismu u b'hekk setghet

tara l-parti privata tieghu, izda " ..... ma ghamel xejn". Pero in rigward dan hi bidlet mal-ewwel dak li kienet ghadha kemm xehedet u qalet illi " ... Cikku ... dahhal il-parti privata tieghu go fija", fatt li kienet insiet issemmi qabel. Fl-ahhar nett hi bidlet ukoll dak li kienet xehedet fl-ewwel okkazzjoni u indikat quddiem il-Qorti b'subghajha illi Cikku, imsemmi, li kien l-akkuzat presenti fl-awla.

Ikkunsidrat

Illi l-akkuzat, da parti tieghu ma gab ebda prova a konjizzjoni ta' din il-Qorti (ara dak verbalizzat a fol 124 sa fol 129 tal-atti). Izda kif diga inghad kien irrilaxxa stqarrija bil-miktub lill-pulizija (fol 18 u fol 19 tal-atti). Fl-istess stqarrija l-akkuzat kien stqarr li matul il-lejl in kwistjoni kien dahal darba wahda biss fil-kamra fejn kienet rieqda Eva Carabott mal-ohrajn u dan ghall-habta ta' nofs il-lejl, sabiex imur fil-kamra ta' fuq il-bejt li diga ssemmiet aktar il-fuq. Wara li ddeskriva kif u fejn Eva Carabott kienet rieqda, flimkien mat-tnejn l-ohra, hu semma li kif dahal fil-kamra kien xeghel id-dawl izda tfieh mal-ewwel meta ra li l-bieb tal-kamra fejn kien sejjer kien miftuh. Dwar dan il-kaz, hu cahad li kien mess, jew nezza, lill-parti lesa jew li kellu x'jaqsam sesswalment ma' din.

Ikkunsidrat

Illi skond il-precitati 'artikoli' mahrugin mill-Avukat Generali, l-akkuzi in ezami migjuba fil-konfront ta' Francis Bonnici, jirreferu ghal stupru bi vjolenza fuq persuna tas-sess oppost, liema stupru ghandu jigi meqjus dejjem bhala vjolenti minhabba li gie kommess fuq persuna li ma tistax tirrezisti minhabba marda tal-gisem jew tal-mohh. In oltre, ingiebet wkoll l-akkuza minuri ta' attentat ghall-pudur bi vjolenza.

Ikkunsidrat

Illi mill-provi kif esposti din il-Qorti trid tiddeciedi, a basi taghhom, jekk fil-fatt l-akkuzat ikkommetta d-delitti addebitati lilu.

Ikkunsidrat

Illi jidher evidenti li dan il-kaz hu gravi hafna stante li qed jigi allegat li l-akkuzat ikkommetta dawn id-delitti fuq mara ta’ hamsa u tletin sena bhala eta, izda li hi mentalment inkapacitata, persuna li jisthoqqilha li tigi protetta b’kull mezz legali, aktar minn persuna normali u dan ghal ragunijiet ovvji.  Minn naha l-ohra pero, trid tigi rispettata ir-regola sagrosanta li fi proceduri kriminali, in rigward il-presunzjoni tal-innocenza ta’ persuna akkuzata b’delitt, il-Qorti trid tara li persuna akkuzata ghandha tinstab hatja minghajr ma jissussisti dubbju dettat mir-raguni u b’dik il-konvinzjoni morali, u fuq bazi legali, li ghandu jkun hemm, f’kull kaz, sabiex tali decizzjoni tkun wahda certa u serena.

Ikkunsidrat

Illi l-prosekuzzjoni qed tibbaza il-kaz taghha fuq ix-xhieda tal-istess parti lesa u fuq il-provi xjentifici u mediko legali li saru.  In rigward Eva Carabott u x-xhieda taghha, kif hawn fuq tinsab sintetizzata, moghtija kemm fi stadju ta’ inkjesta, kemm viva voce fil-presenza tal-akkuzat, jekk wiehed janalizza l-istess xhieda, jidhru lampanti u evidenti l-inkonsistenzi u kontradizzjonijiet esistenti fl-istess xhieda u minhabba hekk il-Qorti sabitha difficli hafna sabiex tikkonkludi b’serenita, illi effettivament, tista tistrieh fuq dak allegat mill-istess parti lesa.

Ikkunsidrat

Illi mill-lat mediku-legali, wara li jigi premess li wiehed mill-elementi rikjesti sabiex jissussisti d-delitt ta’ stupru hu penetrazzjoni tal-organu genetali femmini, l-istess Qorti ma sabet ebda prova konklussiva dwar dan l-element hlief indizzju zghir u inkonklussiv u konsistenti f’lacerazzjoni zghira u ricenti li ghamel referenza ghaliha t-tabib ginekologu Mark Formosa.  Certament a bazi ta’ dan l-indizju wahdu ma jistax jinghad li saret penetrazzjoni jew tentattiv ghal dan il-ghan.

Illi l-Qorti ssibha difficli wkoll li tasal ghal konkluzzjoni li l-akkuzat ikkommetta d-delitti addebitati lilu meta fil-

vicinanzi immedjati kien hemm presenti z-zewg persuni l-ohra imsemmijin li ma semghu jew hassew xejn, tant li baqghu reqdin.

Illi fl-isfond ta’ dak kollu premess il-Qorti thoss li ma hemmx provi sufficjenti sabiex jista jigi konkluz li fil-fatt gew kommessi d-delitti addebitati lill-akkuzat u li kien l-akkuzat, fil-fatt, li effettivament ikkommettihom.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ssib lill-akkuzat mhux hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u tilliberah minn kull akkuza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------